MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Numru. 275/2006

**Il-Pulizija**

**vs**

**Tony Zammit**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Tony Zammit ta' 28 sena, imwieled l-Awstralja DTT fit-13 ta' Ottubru 1978, iben Franck u Gracie nee` Galdes, residenti 'Australia House', Triq San George, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 158192(M):

Akkuzat talli:

1. Fis-7 ta' Mejju 2005 kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;

2. Talli sar recidiv fit-terminu tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel fit-3 ta' Awwissu 2005, Mag. Dr. L. Quintano LL.D.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Konsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Illi fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2007, xehed **l-Ispettur** (illum Assistent Kummissarju) **Norbert Ciappara**, li qal illi fis-7 ta' Mejju 2005, huwa kien gie infurmat mill-awtoritajiet tal-habs illi waqt li kien qieghed f'parti mill-habs, CO Francis Agius kien osserva lil Anthony Zammit jipprova jghaddi xi haga lil certu Horace Cassar. Huwa kien qal lix-xhud illi Horace Cassar ma kienx irrealizza bil-moviment ta' Zammit u dak li kien ser jipprova jghaddilu spicca mal-art. Agius kien qal lix-xhud illi fl-art kien sab xi sustanza li hija suspettata droga. Dwar dan il-kaz, kienet saret inkjesta. Fid-9 ta' Jannar 2006, ix-xhud kien kellem lill-imputat dwar dan l-incident u da parti tieghu, l-imputat innega illi hu kien ser jghaddi xi haga lil Cassar. L-imputat irrilaxxja stqarrija dakinhar stess, liema stqarrija huwa ghazel li ma jiffirmahiex. Ix-xhud kellem ukoll lil Horace Cassar, li wkoll innega illi Zammit kien ser jghaddilu xi haga. Madankollu, meta x-xhud kellem lill-awtoritajiet tal-habs, dawn qalulu illi l-Maggur Agius kien cert minn dak li kien ra u kien anke rrapporta lilhom dawn il-fatti.[1]

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu fid-9 ta' Jannar 2006[2], wara li nghata s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem, imma dak li jghid jista' jingieb bi prova, l-imputat ikkonferma illi fis-7 ta' Mejju 2005, huwa kien gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u meta gie ssuggerit lilu illi dakinhar gara incident fejn il-Maggur Agius allega li rah jipprovi jaghti qartas bid-droga lil Horace Cassar li dak il-hin kien qed jitkellem mal-Maggur, huwa qal li dan mhux veru. Ikkonferma li dak il-hin huwa kien ghaddej bit-*trolley* tal-ikel, kien diehel lejn il-

[1] A fol. 18 u 19 tal-process.
[2] A fol. 20 tal-process.

kcina u kien ghaddej mill-kuritur ta' hdejn l-ufficcju tal-SRT. Mistoqsi kienx hemm aktar nies dak il-hin, huwa qal illi kien hemm xi sitta min-nies u li hemmhekk dejjem ikun hemm in-nies. Mistoqsi jekk dakinhar kienx miftiehem ma' Horace sabiex jiltaqghu hemm, huwa wiegeb fin-negattiv u mistoqsi ghaliex il-Maggur allega li rah jipprova jaghti qartas lil Cassar, huwa qal li ma kienx jaf. Mistoqsi saritlux tfittxija fic-cella wara dan l-incident, huwa wiegeb fin-negattiv u mistoqsi jekk dak iz-zmien kienx qed jabbuza mid-droga gewwa l-habs, huwa qal li dak iz-zmien, kien wieqaf. Qal illi dak il-hin tal-incident, l-ufficjali tal-SRT ghamlu tfittxija fuq il-persuna tieghu u ma sabu xejn.

Fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2007, xehed **CO Maggur Francis Agius**, li qal illi huwa kien ghaddej mill-kuritur tal-habs u kien hemm prigunier iehor hdejn l-imputat, certu Horace Cassar, li newwel xi haga lill-imputat. Fil-pront, huwa qabez fuq l-imputat u staqsih x'kellu f'idejh. L-imputat wiegbu li ma kellu xejn u tefghu (b'referenza ghall-qartas) mal-art. Sussegwentement, mistoqsi mill-Qorti jekk rax lill-imputat jwaddab l-oggett mal-art, huwa qal illi huwa ra lil Cassar jaghti xi haga lill-imputat, l-imputat qallu li ma kellu xejn u fil-pront "*naghmel hekk u sibtha mal-art*".[3] Dwar id-daqs tal-oggett misjub, huwa qal li dan kien oggett li joqghod fl-idejn.[4]

L-istess Maggur Frans Agius rega' xehed f'dawn il-proceduri fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2008.[5] Huwa qal illi fix-xhieda precedenti tieghu, huwa qaleb l-ismijiet tal-prigunieri u xehed illi huwa ra lill-imputat Zammit inewwel oggett lil Horace Cassar. Kif huwa mar fuq Cassar, dan tefaghha mal-art u qal lill-Maggur "*dik qed tfittex*?" Ix-xhud gabarha minn mal-art u rrapporta lill-awtoritajiet. Fl-istess xhieda, Agius qal ukoll illi wara li huwa ra lil Zammit jghaddi oggett lil Cassar, huwa dar u mar fuq Cassar u staqsih x'kellu. Il-qartas kien mal-art u Cassar staqsih jekk kienx qed ifittex dak u cioe` il-qartas.

---

[3] A fol. 22 tal-process.
[4] A fol. 21 sa 23 tal-process.
[5] A fol. 45 u 46 tal-process.

Fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2008, xehed **Horace Cassar**[6], li meta gie mistoqsi dwar l-incident tas-7 ta' Mejju 2005, huwa qal illi huwa kien qed jitkellem mal-Maggur Agius, li kien ilu jitkellem mieghu xi nofs siegha jew izjed, ghadda l-imputat bit-*trolley* tal-ikel, il-Maggur waqqfu u beda jghid lill-imputat li lil Cassar kien ghaddielu xi haga. Cassar qal li l-imputat ma kien ghaddielu xejn u li hu lanqas kien rah lill-imputat. Huwa qal illi haseb li l-Maggur kien qed jiccajta, kien qed jitkellem mieghu. Cassar inqala' minn mal-hajt, ra karta bajda mal-art u waqt li l-Maggur beda jghajjat 'ara fejn hi', Cassar gabarha u ta lill-Maggur. Cassar sostna illi Zammit ma tah xejn. F'dan l-istadju, rega' xehed il-**Maggur Francis Agius**[7] li identifika lill-imputat Zammit u lix-xhud Cassar u mistoqsi mill-Qorti ghal izjed minn darba, ma' min kien qed jitkellem dakinhar, huwa qal illi kien qieghed fil-kuritur tal-*main gate*, li kien qieghed wahdu dak il-hin u li Cassar kellmu (lill-Maggur) wara li hu kien kellem lil Cassar u lill-imputat. Agius xehed illi huwa kellem lil Zammit u staqsih x'ghandu f'idejh, ghaliex newwilha lil Cassar u waqghet mal-art. Cassar qallu '*Din trid Maggur*?'. Agius qal illi huwa ma jidhirlux li kien qed jitkellem ma' Cassar qabel dan l-incident. Qal illi huwa kien hdejn il-*main gate* waqt li kienu ghaddejjin il-kaxxi tal-ikel u ra dan isehh. Qal illi huwa ra l-qartas jaqa' minn idejn Zammit u Cassar staqsieh jekk kienx qed ifittex il-qartas.

Mill-atti tal-inkjesta li saret dwar din is-sejba[8], jirrizulta illi fit-12 ta' Mejju 2007, l-Ispettur Malcolm Spiteri irrapporta lill-Magistrat Inkwerenti illi nhar is-7 ta' Mejju 2005, il-Pulizija tad-Distrett ta' Rahal Gdid kienet giet infurmatha mill-awtoritajiet tal-habs illi l-Maggur Frans Agius kien innota illi waqt li l-prigunier Tony Zammit kien qed igorr *trolley* bl-ikel, b'heffa kbira ghadda qartas lill-prigunier Horace Cassar. Waqt din il-manuvra, dan il-qartas waqa' mal-art, Cassar gabru u ghaddih lill-Maggur Agius meta dan resaq fuqu.[9]

Fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2008, **Mario Zahra** in rapprezentanza tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, esebixxa rapport li jidher li gie redatt minn PS 1404 A.

---
[6] A fol. 50 sa 52 tal-process.
[7] A fol. 53 sa 55 tal-process.
[8] A fol. 28 tal-process.
[9] A fol. 2 tal-*proces verbal.*

Cutajar.[10] Skond dan ir-rapport, li lanqas ma gie kkonfermat mill-istess PS 1404 A. Cutajar, ghalkemm dan tressaq bhala xhud f'dawn il-proceduri, fil-jum in kwistjoni, il-Maggur Agius kien qieghed jitkellem mal-prigunieri Charles Muscat u Horace Cassar. F'hin minnhom, huwa ra lil Zammit li kien qed jimbotta t-*trolley* tal-ikel lejn il-kcina, jghaddi xi haga f'idejn Horace Cassar. Il-Maggur Agius staqsa lil Zammit x'kin qed jipprova jaghti lil Cassar, u dan wiegbu 'xejn'. Skond dan ir-rapport, Cassar immedjatament ghadda qartas lill-Maggur u kkonferma li dan kien l-oggett li Zammit prova jghaddilu. Saret tfittxija fuq il-persuna ta' Zammit, izda ma nstab xejn. Sussegwentement, Zammit irrifjuta li jiffirma fuq is-sigill tal-envelop li fih tpoggiet is-sustanza misjuba u baqa' jinsisti illi huwa ma riedx jiffirma ghaliex il-qartas ma nstabx fuq il-persuna tieghu. Fix-xhieda tieghu, **PS 1404 Anthony Cutajar** xehed illi fis-7 ta' Mejju 2005, kien gie rrappurtat lilu minn Ufficjal tal-Habs, Francis Agius, illi kien sab qartas li huwa qal illi kien ghand l-imputat.[11]

Mir-relazzjoni tal-espert forensiku Mario Mifsud, mahtur mill-Magistrat Inkwerenti sabiex janalizza s-sustanza in kwistjoni, jirrizulta illi fit-trab il-kannella li kien hemm fil-qartas tal-karti, f'ammont nett totali ta' 0.597 grammi, instabet is-sustanza herojina. Il-purita` ta' dan it-trab ghall-imsemmija sustanza kienet ta' cirka 37%.[12]

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fl-ewwel lok il-Qorti ser tikkunsidra l-imputazzjoni ta' pussess aggravat, kif migjuba fil-konfront tal-imputat. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat cahad illi huwa prova jghaddi l-qartas bid-droga eroina lil Horace Cassar jew li kien miftiehem ma' Cassar sabiex jiltaqghu fil-post in kwistjoni. Da parti tieghu, Cassar ukoll cahad illi l-imputat kien ghaddielu xi haga.

[10] A fol. 44 tal-process.
[11] A fol. 62 tal-process.
[12] A fol. 5 *et seq* tal-*proces verbal*. Dan gie wkoll ikkonfermat mill-Ispizjar Mario Mifsud fix-xhieda tieghu fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2008 (a fol. 29 tal-process).

Fix-xhieda tieghu, il-Maggur Francis Agius ghall-ewwel jghid illi kien Cassar li newwel xi haga lill-imputat, li mbaghad x'hin mar fuq l-imputat, dan qallu li ma kellu xejn f'idejh u x'hin dar jew hares, huwa ra l-qartas mal-art. Sussegwentement, madankollu, meta rega' xehed darbtejn ohra f'dawn il-proceduri, huwa qal illi kien bidel l-ismijiet tal-prigunieri fl-ewwel xhieda tieghu u li fil-fatt kien l-imputat li newwel oggett lil Cassar. Skond hu, x'hin mar fuq Cassar, dan tefa' l-oggett mal-art u staqsa lill-Maggur jekk kienx qed ifittex il-qartas, ghalkemm f'punt iehor jghid illi kif huwa mar fuq Cassar, huwa ra l-qartas mal-art u Cassar staqsieh kienx qed ifittex dak b'referenza ghall-istess qartas. Fit-tielet xhieda tieghu, Agius jghid ukoll illi l-imputat newwel xi haga lil Cassar u waqghet mal-art, huwa staqsa lill-imputat x'kienet u Horace Cassar staqsieh jekk kienx qed ifittex il-qartas li kien qieghed mal-art. Qal li ra l-oggett jaqa' minn idejn l-imputat.

Issa ghalkemm ix-xhieda tal-Maggur Agius hija wahda kunfliggenti ghall-ahhar, madankollu, kemm mix-xhieda ta' Cassar, kif ukoll mir-rapporti li saru originarjament, kemm mill-Ispettur Malcolm Spiteri lill-Magistrat Inkwerenti, kif ukoll minn dak li xehed l-Ispettur Norbert Ciappara dwar dak li qallu l-Maggur Agius *a tempo vergine,* jidher car illi fil-fatt il-Maggur kien irrapporta illi huwa kien ra lill-imputat inewwel xi haga lil Cassar u mhux vice-versa. Anke Horace Cassar stess fix-xhieda tieghu, jghid illi fil-waqt illi huwa kien qed jitkellem mal-Maggur, il-Maggur f'mument minnhom beda jghid lill-imputat li huwa kien ghadda xi haga lix-xhud u cioe` lil Cassar u mhux bil-kuntrarju. Li dan kien dak li kien irrapporta l-Maggur Agius *a tempo vergine* jirrizulta wkoll mid-domandi li saru lill-imputat waqt l-interrogatorju tieghu. Ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex dubbju illi l-verzjoni korretta ta' dak li l-Maggur jghid li ra fil-jum in kwistjoni hija dik moghtija minnu fit-tieni u fit-tielet xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.

Biss dan ma jfissirx illi l-Qorti hija moralment konvinta illi fil-fatt l-imputat kien fil-pussess tal-qartas misjub u wisq inqas li kien hemm tentattiv sabiex l-imputat jghaddi l-qartas bl-eroina, li nstab mal-art, lil Cassar. Dan ghaliex, l-istess Maggur m'huwiex lanqas car dwar dak li jghid li huwa ra. F'hin minnhom

fix-xhieda tieghu, huwa jghid illi l-imputat newwel oggett lil Cassar u dan tal-ahhar tefa' l-oggett mal-art – li jfisser li l-oggett gie xi hin f'idejn Cassar u mbaghad dan tefghu mal-art - u immedjatament wara jghid illi l-imputat newwel oggett lil Cassar, dar fuq Cassar u staqsieh x'ghandu, u l-oggett kien mal-art. F'xhieda ohra jghid illi l-imputat newwel oggett lil Cassar u waqa' mal-art u li huwa ra l-oggett jaqa' minn idejn l-imputat. Sa hawn il-Qorti diga` ghandha dubju dwar dak li kien verament ra l-Maggur Agius. Issa ghalkemm il-Qorti m'hijiex teskludi li l-imputat verament kien ghamel xi moviment li qajjem suspett fil-Maggur u li mbaghad bis-sejba tal-qartas mal-art, il-Maggur ikkonferma s-suspett tieghu, biss il-Qorti m'hijiex konvinta minn dak li verament ra l-istess Maggur. Jekk il-Maggur verament ra l-oggett jaqa' mal-art minn idejn l-imputat, ghalfejn jghid f'punt minnhom illi Cassar tefa' l-oggett mal-art? U ghalfejn staqsa lil Cassar x'ghandu la darba ra l-oggett jaqa' mal-art minn idejn l-imputat? Jekk kien verament minnu li huwa ra l-qartas jaqa' mal-art minn idejn l-imputat, la kien ser jistaqsi lil Cassar x'kellu u lanqas ma kien ser jara lil Cassar jitfghu fl-art. U jekk il-Maggur Agius ra lill-imputat jghaddi l-qartas lil Cassar u ra lil Cassar jitfghu mal-art jew anke assuma li dan tal-ahhar kien tefghu mal-art, minghajr ma rah jaghmel dan u ra biss il-qartas mal-art, mela allura ma rax il-qartas jaqa' minn idejn l-imputat.

Dak li tista' tasal ghalih b'konvinciment morali din il-Qorti huwa biss illi l-Maggur Agius ra lill-imputat jaghmel moviment u li ra l-qartas mal-art u xejn izjed, apparti li l-imputat innega li kellu xi haga f'idu u li sussegwentement Cassar staqsa lill-istess Agius jekk kienx qed ifittex dak il-qartas li dak il-hin kien qieghed mal-art.

In oltre anke mill-fatt li jidher illi fil-mument in kwistjoni, il-Maggur kien qed jitkellem ma' Cassar – u dan il-Qorti qeghda tghidu ghaliex ghalkemm il-Maggur stess jinnega dan fix-xhieda tieghu u jibqa' jinsisti li dak il-hin huwa kien qieghed wahdu, mill-banda l-ohra Cassar jghid li dak il-hin kien qed jitkellem mal-Maggur u kien ilu jitkellem mieghu, u in oltre kemm mid-domandi li saru lill-imputat mill-Ufficjal Investigatur waqt l-interrogazzjoni tieghu, kif ukoll mir-rapport redatt minn PS 1404 A. Cutajar (li madankollu kif inghad ma

giex ikkonfermat minnu), jidher illi din kienet il-verzjoni originali li kien ta l-Maggur lill-pulizija u cioe` li fil-mument in kwistjoni huwa kien qed jitkellem ma’ Cassar – il-Qorti ma tistax ma tistaqsix x’sens kien jaghmel li l-imputat jghaddi qartas bl-eroina lil Cassar proprju dak il-hin li dan tal-ahhar kien qed jitkellem ma’ ufficjal tal-habs u meta jidher ukoll illi Cassar lanqas ma kien attent ghall-imputat jew ghal dak li kien qed jaghmel l-istess imputat.

F’dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konvinciment morali la illi l-imputat kien fil-pussess tal-qartas in kwistjoni u wisq inqas illi huwa pprova jghaddi dan il-qartas lil Cassar u ghalhekk mhijiex qed issibu hati la ta’ pussess semplici u lanqas ta’ pussess aggravat tad-droga eroina.

Dwar l-addebitu tar-recidiva imbaghad, la darba l-Qorti m’hijiex qed issib reita` fl-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, isegwi illi lanqas ma tista` ssibu hati talli huwa recidiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------